Sommarju tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq għall-użu u/jew għall-użu tas-sustanzi elenkati fl-Anness XIV tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH)

(Ippubblikat skont l-Artikolu 64(9) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 ([1]))

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 16/03)

Deċiżjoni li parzjalment tagħti awtorizzazzjoni

Referenza tad-Deċiżjoni ([1])	Data tad-Deċiżjoni	Isem is-sustanza	Detentur tal-awtorizzazzjoni	Numri tal-awtorizzazzjoni	Użi awtorizzati	Data ta' skadenza tal-perjodu ta' rieżami	Raġunijiet għad-Deċiżjoni
C(2020)7	L-10 ta' Jannar 2020	trijossidu tal-kromu Nru KE 215-607-8; Nru CAS 1333-82-0	Doosan Electro-Materials Luxembourg SARL, 19 Rue de Bitbourg, L 1273 Luxembourg, il-Lussemburgu Doosan Energy Solution Kft, Váci út 76, HU1133 Budapest, l-Ungerija	REACH/20/13/0 REACH/20/13/1	Użu fil-formulazzjoni industrijali ta' soluzzjoni tat-trijossidu tal-kromju b'konċentrazzjoni ta' piż skont il-piż ta' inqas minn 0,1 % għall-passivazzjoni tal-fojl tar-ram li jintuża fil-produzzjoni tal-batteriji tal-joni tal-litju (LiB) għall-vetturi bil-mutur	L-10 ta' Jannar 2032	F'konformità mal-Artikolu 60(4) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, il-benefiċċji soċjoekonomiċi huma akbar mir-riskju għas-saħħa tal-bniedem mill-użu tas-sustanza u ma hemm l-ebda sustanza jew teknoloġija alternattiva adattata.

([1]) Id-Deċiżjoni hija disponibbli fuq is-sit web tal-Kummissjoni Ewropea: http://ec.europa.eu/growth/sectors/chemicals/reach/about/index_en.htm

([1]) ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.